# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 10 ta' Lulju 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 235/2021 JPG**
**Kawza Nru.: 17**

**RC f'isimha propju u in rappresentanza ta' uliedha l-minuri T, O, A u TY ahwa C**
**Vs**
1. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
2. **LR**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija omm il-minuri T, O, Au Ty ahwa C.*

2. *Illi l-intimat LR huwa l-missier naturali tal-erba (4) ulied imsemmija, b'dana illi fic-certifikat tat-twelid ta' kull wiehed mill-ulied fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' u 'missier it-tarbija' hemm dikjarat li 'father unkown';*

3. *Illi r-rikorrenti qeghda tehmez ma' dana r-rikors guramentat ic-certifikati tat-twelid tal-erba ulied minuri 'ndikati'.*

4. *Illi r-rikorrenti nnotifikat lill-intimat missier il-minuri sabiex jirrikonoxxi l-ulied bl-ittra ufficjali datata 25 ta' Frar 2020 izda dana baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;*

5. *Illi l-esponenti tixtieq li l-atti tat-twelid tal-erba ulied taghha msemmija jigu korretti u minflok ma jaqraw 'father unknown' jindikaw isem il-missier naturali intimat f'dina l-kawza flimkien mal-konnotati- kollha tieghu;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara li l-intimat LR huwa l-missier naturali tal-minuri TC li twieldet fl-W; OC li twieled X; AC li twieled f'Y u TYC li twieled f'Z;*

2. *Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet addebiti fuq l-atti tat-twelid tal-imsemmija minuri li jgibu n-numri ta' iskrizzjoni rispettivament 2728, 250, 4123 u 4122 u dana billi fil-kolonna 'Unkown Father' jigi iskritt isem l-intimat LR flimkien u bil-konnotati kollha tal-istess missier naturali;*

*Bl-ispejjes u b'hekk l-intimati jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat LR datata 27 ta' Ottubru 2021, a fol 11 li taqra hekk:

1. *Illi huwa mhux qed jopponi ghat-talbiet attrici stante illi jsiru t-testijiet xjentifiki kollha sabiex jigu sgurati u determinati li l-intimat LR huwa l-missier naturali tal-minuri;*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-intimat ma ghandux ghalfejn ibati ghall-ispejjez kemm*

*tat-testijiet xjentifici kif ukoll l-ispejjez tal-kawza stante illi prezentament ma hemmx certezza illi l-minuri huma l-ulied naturali tal-intimat.*

Rat ir-risposta tad-Direttur ghar-Registru Pubbliku datata 2 ta' Novembru 2021 a fol 13 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tal-minuri TY, A, O u T, l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

1. *Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

2. *Illi f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jistieden lill-konvenut LR sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieldu l-minuri rispettivi, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmijin minuri, (6) Isem u kunjom missieru u (7) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieldu l-istess minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex eventwalment tiġi inserita fl-Atti tat-Twelid rispettivi tal-minuri TY, A, O u T;*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri;*

4. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex*

*attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Rat illi l-intimat intavola ittra ufficjali filjazzjoni, liema ittra giet notifikata lill-attrici u li rrispondiet posittivament ghal tali ittra. (Vide fol 44 et seqq.)

Rat il-kopja legali tal-ittra ufficjali bin-numru 108/2022 u r-risposta tal-attrici a fol 47 et seqq. tal-atti;

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2024 gie ddikjarat illi l-partijiet qablu illi l-kunjom tal-minuri kollha ghandu jkun RC;

Rat in-nota datata 16 ta' Novembru 2023 a fol 66 et seqq;

Fl-udjenza tat-26 ta' Marzu 2024, din il-Qorti rat illi c-certifikati tal-minuri gew korretti skond il-Ligi u li l-partijiet kienu ntizi li ser icedu il-kawza biex jiffrankaw spejjes inutli, illi pero l-partijiet mhux qed jaqblu kif ser jithallasu l-ispejjes;

Rat in-nota fol 78 et seqq u c-certifikati tat-twlied hekk kif korretti;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet nhar il-31 ta' Jannar 2024*** u kkonfermat id-dati tat-twelied ta' uliedha u ddikjarat illi il-kunjom li ghandhom igibu l-minuri ghandu jkun RC.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-konvenut LR jigi maghruf bhala l-missier naturali tal-minuri T, O, A u TY ahwa C u li sal-lum il-gurnata huma gew dikjarata bhala ulied missier mhux maghruf.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."[1]***

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 23 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut LR u l-minuri jistabilixxu illi l-istess konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri.

Illi din il-Qorti rat ukoll illi fil-mori tal-proceduri, l-intimat intavola ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi permezz ta' risposta l-attrici ammettiet u ddikjarat illi hi taf u taqbel illi l-minuri uliedha huma l-ulied naturali tal-imsemmi intimat LR. *(Vide kopja legali tal-ittra ufficjali bin-numru 108/2022 u r-risposta tal-attrici a fol 47 et seqq. tal-atti.)* Rat ukoll illi saru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikati tat-twelied rispettivi ta' ulied il-partijiet.

---

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

Illi ghalhekk jonqos biss illi tigi sorvolata il-kwistjoni rigward il-kap tal-ispejjes.

Illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-tellief f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

> ***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***
>
> ***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza***

***ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi z-zewg partijiet effettivament kellhom gharfien pjen tal-paternita' naturali ta' uliedhom, u dana johrog car mill-fatt illi l-intimat LR ammetta t-talbiet tal-attrici kif impost fir-rikors promotur u dana permezz ta' risposta guramentata tieghu a fol 11 tal-atti basta li isiru t-testijiet genetici. Illi ghalhekk isegwi illi li bi ftit rieda tajba dawn il-proceduri setghu facilment gew evitati.

Di piu', l-attrici qabel ma ntavolat dawn il-proceduri kienet minn rghajja pprezentat ittra ufficjali ghal tali filjazzjoni, ittra li pero' l-intimat ghazel li ma jirrispondiex. Ghaldaqstant kellhom isiru il-proceduri odjerni.

Kien biss wara li gew ipprezentati ir-rizultati tad-DNA Tests mill-Espert nominat mill-Qorti Dr Marisa Cassar, illi l-intimat iddecieda li jintavola l-proceduri ghall-filjazzjoni tal-erba' ulied permezz ta' ittra ufficjali.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu kollha mill-intimat LR inkluz l-ispejjez inkorsi fid-DNA tests tat-tfal kollha.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attrici in vista tal-fatt illi c-certifikati ta' erba' ulied minuri tal-kontendenti gja gew korretti u l-paternita' tal-istess tfal identifikata u**

**debitament inserita fl-istess certifikati tat-twelid. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna illi l-ispejjes tal-proceduri, inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghandhom ikunu a karigu tal-intimat LR inkluz l-ispejjez inkorsi fid-DNA tests tat-tfal kollha.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**